# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 217/2016**

Il-Pulizija

vs

**Carmel Stafrace**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 527965(M)

Illum, 1 ta' Gunju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Carmel Stafrace quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bejn il-11 ta' Mejju, 2015 sat-22 ta' Gunju, 2015 naqas li jaghti lil Natalina Stafrace manteniment kif iffissat f'kuntratt ta' separazjoni li huwa ghamel ma' martu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' April, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Stafrace pprezentat fit-2 ta’ Mejju, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma in kwantu s-sejbien ta' htija u thassarha u tirrevokha billi tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi dan huwa appell mill-piena stante li l-esponenti rregistra ammissjoni. Illi veru li l-piena hija fil-parametri stabbiliti u veru wkoll li wara li tigi registrata ammissjoni huwa ottuz li jigi registrat appell, izda l-esponenti jikkontendi li l-Ewwel Qorti naqset milli taprezza fil-kalibrar tal-piena s-sitwazzjoni prekarja, kwazi kwazi impossibli li l-esponenti ihallas manteniment lil martu. Apparti li huwa spicca bla xoghol, jinghad li ghal perjodu nkriminanti, l-appellanti kien qed jiskonta sentenza propju minhabba akkuza simili fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u ghalhekk wiehed jistaqsi is-sistema kif fil-fatt qed tippretendi li l-appellanti jqum fuq saqajh u jkollu introjtu li jippermettilu li jibda jhallas il-manteniment? Ir-risposta hija wahda univoka:- Mill-habs zgur li s-sitwazzjoni lura ser tmur u mhux il-quddiem!

Illi huwa dan ir-ragunament [li sfortunatament ftit li xejn isib widen mill-Qrati Taghna] li l-esponenti qed ikun spint li jintavola dawn l-umli appelli u dana forsi possibilment xi darba fuq kwistjonijiet bhal dawn tirrenja s-soluzjoni prattika u mhux dik akkademika biss.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-1 ta' Gunju, 2018 dehret il-parte civile li nfurmat lil din il-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Illi dan l-appell jirrigwarda biss l-erogazzjoni tal-piena mill-ewwel Qorti.

Illi mehuda c-cirkostanzi ta' dan il-kaz li l-appellant hallas dak kollu dovut, hu car li temperament fil-piena jkun xieraq.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-meritu. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lil Carmel Stafrace taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.